MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Avviz Numru. 794/2001/1

**Agricultural Co-Operative Limited**

**vs**

**Peter Axisa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-koperattiva attrici fis-17 ta' Settembru, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas lill-koperattiva attrici dik is-somma li tigi likwidata li ma teccedix il-hamest elef lira Maltin (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni ta' l-Atikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) prevja d-dikjarazzjoni li dak li qal- il-konvenut Peter Axisa kif rappurtat fl-artikolu intitolat "Farmers to meet tomorrow on potato controversy" ippubblikat fil-harga ta' "The Malta Indipendent" tat-8 ta' Settembru, 2001, fl-artikolu "The Potato Debate" ippubblikat fil-harga ta' "The Malta Independent" ta' l-10 ta' Settembru, 2001 u fl-

artikolu “Ghadd ta’ Bdiewa Mhassba” ppubblikat fil-harga ta’ l-“Orizzont” ta’ l-10 ta’ Settembru, 2001 huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-koperattiva attrici billi attribwilha fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha u jesponuha ghad-disprezz tal-pubbliku (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba tas-socjeta’ attrici hija rritwali u infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi tirreferi ghal aktar minn stampat wiehed, u cioe ghal serje ta’ artikoli pubblikat f’aktar minn data wahda minn persuni diversi;
2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut bl-ebda mod ma huwa responsabbli ghall-istampat li dwar tilmenta s-socjeta’ attrici;
3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-istqarrija verbali tal-konvenut ma tikkwalifikax hi stess bhala ‘stampat’ jew ‘xandira’ a tenur tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk isegwi li l-artikolu 28 ta’ l-istess Kap. 248 mhux applikabbli ghall-istqarrija tal-konvenut;
4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-artikoli de quo, jew xi wiehed jew aktar minnhaom, ma jaghtux rendikont fidil ta’ dak li stqarr il-konvenut;
5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ attrici ma tinstax tinvoka l-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi hija ghandha biss personalita’ legali u mhux personalita’ fizika u ghalhekk ma tistax tkun malafamata skond il-ligi;
6. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fid-diskors tieghu l-konvenut jaghti l-fatti kif irrizultaw lilu u jaghmel kummenti li jitqiesu bhala ‘fair

comment', dwar kwistjoni ta' nteress pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-bniedem;
7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza taghha tat-22 ta' April,2003;

U dik tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' April, 2004, fejn l-ewwel sentenza giet annullata u l-process rega' gie rinvjat quddiem din il-Qorti ghal decizjoni ulterjuri, wara illi tiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri;

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu ta' din il-kawza u jekk fil-fatt dak li ntqal kienx *fair comment* jew le, trid tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari mqajjma mill-konvenut partikolarment l-eccezzjoni numru hamsa (5) li hija wahda ta' natura purament legali fejn il-konvenut qed jghid li l-koperattiva attrici ghandha biss personalita' legali u mhux personalita' fizika u ghalhekk ma tistax tkun malafamata skond il-ligi.

Ikkunisdrat:

Illi din il-Qorti kif preseduta diga kellha okkazjoni illi tippronuncja ruhha fuq din il-kwistjoni f'kawza fl-ismijiet Roderick Galdes et vs Victor Camilleri et deciza fil-21 ta' Gunju, 2004 fejn ikkonkludiet illi Kunsill Lokali m'ghandux l-istess protezzjoni bhal persuna privata, peress illi huma biss dawn ta' l-ahhar illi huma protetti.

Il-Qorti lesta li testendi dan il-kuncett ukoll ghall-koperattivi u socjetajiet legali. Jibda biex jinghad illi l-Artikolu 2 tal-Kap. 248 – Ligi ta' l-Istampa – tidentifika persuna bhala, "Persuna tinkludi korp ta' persuni sew jew jekk ikollhom personalita' guridika distinta sew jekk le."

Fil-kawza fuq imsemmija saret referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr J. Brincat et deciza mill-

Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 1992 fejn fost affarijiet ohra nghad illi, "L-espressjoni tal-prijorita' tal-protezzjoni ta' l-interess, hu dritt privat li jispetta biss lil dawk il-persuni privati in kwantu tali huma protetti."

Dan jinkwadra mall-hames eccezzjoni tal-konvenut li l-malafama u l-ingurja huma emozzjonijiet partikolari ghall-bniedem u ma jistghux jafettwaw negattivament xi haga astratta bhalma hija gvern, kunsill lokali jew socjeta'.

L-iskop tal-ligi huwa illi tipprotegi l-unur u l-fama ta' l-individwu li ghandu dritt ikun protett minn abbuzi jew minn min ikun irid iwaqqghalu giehu f'ghajnejn in-nies. Haga astratta jew legali m'ghandhiex tali unur jew gieh x'jigi protett.

Fil-fatt, il-gurisprudenza lokali u estera dejjem titkellem dwar persuna jew individwu u qatt fuq xi haga astratta. L-awtur Gatley (8th edition 1981, pagna 280 et seguitur) jghallem illi, "The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to those who know him understand he was the person meant. …if in the opinion of the jury a substantial number of persons who knew the plaintiff on reading the article would believe that it refers to him …" (Sottlinear tal-Qorti)

Anki meta qed jaghti d-definizzjoni ta' *libel* u *slande*r, il-Gatley dejjem jitkellem fuq il-persuna fizika u qatt fuq xi haga astratta, tant hu hekk illi jghid, "Any imputation which may tend to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society to cut him off from society or to expose him to contempt or ridicule is defamtory of him."

Fil-kawza Joseph Azzopardi et vs Felix Agius deciza fil-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-11 ta' Frar, 2004 il-Qorti qalet, "Naturalment dan ma jfissir li l-kritika hija vjetata a priore, ifisser biss illi din ghandha tinzamm fil-parametri tal-bilanc bejn zewg drittijiet: id-dritt tal-manifestazzjoni hielsa tal-hsieb u d-dritt tal-persuna kritikata ghar-reputazzjoni taghha."

Din il-kawza kkwotat in estenso decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea fl-20 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Bladettroms and Stensaas vs Norway, illi tkellmet, "Dwar il-bilanc illi kellu jkun hemm bejn l-interess ta' l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita' tal-karattru tieghu, u l-istess pubbliku…"

Din it-tema ta' l-individwu u l-persuna tkompli wkoll quddiem il-Qorti Ewropea fil-kawzi Lingens vs Austria (1986) illi kienet qed tittratta dwar il-limiti tal-kritika illi ghandu josserva l-politikant u qalet illi, "The limits of acceptable criticism are accordinly wider as regards a politician as such than as regards a private individual…"

L-istess qalet il-kawza Oberschlick vs Austria (1991) fejn l-element ta' *private individual* ukoll gie enfazizzat ghal dak li jirrigwarda r-reputazzjoni u unur tieghu.

Il-kawza Reynolds vs Times deciza mill-House of Lords fit-28 ta' Ottubru, 1999 inghad, "Reputation is an integral and important part of the dignity of the individual … for it should not be supposed that protection of reputation is a matter of importance only to the affected individual and his family. Protection of reputation is condusive to the public good. It is in the public interest that the reputation of public figures should not be debased forcely …" (Sottolinear tal-Qorti)

Lokalment insibu sensiela ta' sentenzi fi kwalunkwe stadju kemm fl-Inferjuri, fil-Prim'Awla u fl-Appell illi kollha jitkellmu dwar il-persuna u individwu. Per ezempju Anthony Degiovanni vs Mark Lombardo deciza mill-Qorti Nferjuri 12 ta' Novembru, 2002, "Illi ovvjament, ghandu jkun ukoll pacifiku li persuna (sottolinear tal-Qorti) li ssib ruhha mxandra b'dan il-mod ghandha d-dritt li tipprotegi l-fama u r-reputazzjoni taghha minn manupulazzjoni skritta li timmolestah."

Fil-kawza Onor. Perit Charles Buhagiar vs Ray Bugeja deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Mejju, 2001, "Il-Qorti jidhrilha li minkejja dan l-izvilupp storiku fid-dritt ta' l-espressjoni ta' l-istampa, xorta ma jbiddilx l-istat guridiku li

din l-espressjoni tista' teccedi l-limiti, fejn allura d-dritt ta' privatezza ta' l-individwu, kuncett ukoll fondamentali fid-drittijiet tal-bniedem ghandu jigi protett …" (Sottolinear tal-Qorti)

L-istess Avukat Dr Andrew Borg Cardona vs Dr Joseph S Abela et Prim'Awla deciza fl-24 ta' Jannar, 2002 fejn il-Qorti kkummentat bejn il-bilanc u l-kritika u "… il-bzonn l-iehor xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandu kull dritt li jgawdi." (Ara wkoll JM Fenech vs L Cauchi deciza fis-16 ta' Jannar, 2002)

Fil-kawza Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deciza mill-Prim'Awla fis-7 ta' Novembru, 2004, "Illi l-Qorti tqis ukoll illi z-zamma tal-bilanc bejn il-jedd ta' l-espressjoni hielsa u l-jedd ghar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb tal-persuna hija preokupazzjoni krucjali li l-Qorti taghna zammew quddiem ghajnejhom …"

Fil-kawza Glenn Bedingield vs Kummissarju tal-Pulzija deciza fis-7 ta' April, 2003 "… ir-reputazzjoni tal-persuna ghandha wkoll funzjoni mportanti fis-socjeta' demokratika …"

Fl-ahhar il-Qorti tikkwota mill-kawza Maria Tereza Deguara Caruana Gatto et vs Anna Maria Xuereb noe deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Novembru, 2003 fejn qamet il-kwistjoni jekk dixxendenti jistghux jaghmlu kawza ta' libell u malafama u jitolbu d-danni u l-Qorti qalet, "Ghalhekk, fil-fehma cara tal-Qorti ta' l-Appell taghna l-azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali kontemplata mill-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tispetta biss lill-persuna offiza u ma tispettax lid-dixxendenti taghha."

Din il-Qorti kif preseduta tiehu spunt minn dan it-taghlim u tiddikjara illi f'dan il-kaz l-azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali kif kontemplata mill-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tispetta biss lill-persuna offiza u mhux lil xi socjeta' legali jew ente estratta illi l-persuna jista' jiffurma parti minnha. Jekk il-persuna jew il-persuni li jiffurmaw parti minn socjeta' jew koperattiva ihossu ruhhom ingurjati minn xi

kitba jew xandira maghmula minn terzi, huma dawk il-persuni illi ghandhom id-dritt illi jitolbu r-risarciment ta' danni u mhux l-ente astratta illi taghha jistghu jiffurmaw parti. Bhalma diga nghad, l-ente astratta m'ghandhiex fama u m'ghandhiex emozzjoni x'timmanifesta. Dawn huma affarijiet ta' riseva ghall-persuna umana illi ghandha l-emozzjoni li thossha offiza u ngurjata minn xi haga mhux lecita maghmula minn hadiehor.

Ghalhekk, din il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu dritt jeccepixxi, kif ghamel fil-hames eccezzjoni tieghu, illi l-koperattiva attrici ma tinkwadrax ruhha fit-test ta' l-Artiklu 28 tal-Kap. 248, peress illi bhala persuna legali ma tistax tkun malafamata.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-koperativa attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------